**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 16 ta' Settembru, 2015**

**Talba Nru: 276/11 DMA**

**Middlesea Insurance Plc (C 5553) kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurata taghha Augusta Camilleri u l-istess assigurata taghha**

**Vs**

**Liana Vella,**
**Peter Louis Jones (ID. 1102(A)) u**
**Mary Susan Jones (ID. 11902(A)) u b'digriet tat-Tribunal datat 5 ta' Frar, 2015 saret il-Legitimazzjoni tal-Atti u l-Gudizzji, b'hekk gie trasfuz wara l-mewt ta' Mary Susan Jones fl-ismijiet ta' Peter Jones u Sonia Denise mart Graig Graham nee' Jones**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Marzu, 2011 fejn is-socjeta' attrici u l-attrici talbu prevja dikjarazzjoni ta' responsabilita' tikkundanna lil intimati, jew minn minnhom sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, tlett mija tlieta u sebghin ewro u erba' centezmi (€ 2,373.04), jew sommaohra verjuri rapprezentanti

danni kagunati meta fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fi Triq il-Freres, Sliema waqt li l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni FBT 513 propjeta ta' Augusta Camilleri kienet regolarmnet ipparkjata quddiem il-propjeta' tal-intimati waqghu bicciet tal-concrete u/jew materjal iehor mill-propjeta' tal-intimati, jew minn minnhom u kkagunaw danni lir-rikorrenti liema danni sehhew unikament minhabba negligenza u nuqqas ta' mantenzjoni min naha tal-intimati, jew minn minnhom.

Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati, bl-ingunzjoni tal-intimati in subizzjoni.

Il-konvenuta Liana Vella Zarb fir-risposta taghha tal-4 ta' Mejju, 2011 eccepiet illi t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-esponenti, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante illi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Illi mhuwiex minnu illi l-allegati danni sehhew minhabba negligenza u nuqqas ta' manutenzjoni minn-naha tal-esponenti.

Illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fi kwalsiasi eventwalita' ir-responsabbilita' ghall-manutenzjoni tal-parti danneggjata fil-propjeta' relattiva kienet tinkombi fuq is-sidien tal-appartament sottostanti.

Illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghall-premess, illi fl-ghar ipotezi ghall-esponenti, is-sidien kollha tal-blokka huma responsabbli ghall-manutenzjoni relattiva tal-propjeta', u f'in l-eventwalita' il-gudizzju ma jkunx integru.

Illi fi kwalsiasi eventwalita' u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont reklamat irid jigi ppruvat.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-imghax kif mitlub mhuwiex dovut.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Il-konvenuti Peter Louis Jones u Mary Susa Jones ipprezentaw risposta fl-4 ta' Novembru, 2011 fejn eccepew:

1. Illi t-talbiet ta' l-attrici nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ma kkawzatx l-ebda hsara lill-vettura suggetta ta' din il-vertenza;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost illi jekk waqghet bicca mill-gallarija, din il-bicca waqghet mill-gallarija ta' Liana Vella Zarb u mhux tal-konvenuti Peter Louis Jones u Mary Susan Jones, u l-hsarat li kkawzat kienu minhabba nuqqas ta' manutenzjoni;

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Xehed Kenneth Camilleri claims executive tal-motor claims department fi hdan is-socjeta' attrici fejn spjega l-ammont ta' kif huwa dovut u x'jinkludi u dan kif spjegat fid-dok KC1.

Xehed il-Perit Anton Valentino li spjega minn fejn waqghet il-bicca konkos li ghamlet hsarat fuq il-vettura tal-attrici Camilleri. Spjegat ukoll kif jikkonstata li grat il-hsara fil-konkos.

Fil-mori tal-kawza miet il-konvenut Peter Louis Jones.

Permezz ta' affidavit xehdet il-konvenuta Liana Vella Zarb li spjegat illi hi kienet xtrat l-appartament ftit xhur qabel l-incident u ma kienetx taf b'xi hsarat li kien hemm.

Ipprezentat ukoll rapport tal-Perit Andrew Vinci li spjega fl-opinjoni tieghu il-bicca konkrete li waqghet min-naha ta' isfel u cioe' propjeta ta' Jonas u mhux Vella Zarb. Qal ukoll illi din il-gebla illi tespegi l-barra hija tal-flat ta' isfel illi dil li tespegi fuq hija tal-konvenut Vella Zarb.

Fil-mori tal-kawza mietet ukoll il-konvenuta Mary Susan Jones u ghalhekk l-atti gew trasfuzi f'isem Peter Jones u Susan Denise Craig.

Minkejja li dawn iz-zewg konvenuti gew notifikati permezz tal-procedura tal-affissjoni dawn baqghu kontumaci u ghalhekk it-Tribunal ghadda biex jiddecidi l-kawza fuq il-provi mressqa quddiemu.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal il-bicca konkos li waqghet u ghamlet hsara fuq il-vettura tal-attrici Camilleri ghandha titqies bhala parti mill-propjeta' kemm tal-konvenuta' Vella Zarb kif ukoll tal-konvenut Jones. It-Tribunal ma jaqbilx mal-Perit tal-konvenuta Vella Zarb li qal illi din il-faxxa hija tal-flat ta' Jones filwaqt illi l-faxxa ta' fuq hija tal-konvenut Vella Zarb. It-Tribunal pero ma jhossx illi l-konvenuta Vella zarb attribwitvit b'xi mod illi din il-hsara li grat fil-konkos minhabba xi leakage tal-konvenuta Vella Zarb.

It-Tribunal jinnota illi l-konvenuta Vella Zarb ma kienitx ilha li xtrat il-propjeta' pero appena xtrat il-propjeta' dahlet responsabbli ghaliha hi u ghalhekk kellha tkun alerta ghal hsarat li kien hemm fuq barra u li jidhru ampjament meta wiehed ihares lejn il-faccata. B'dan kollu l-konvenuti Jones li kienu ilhom propjetarji tal-post, kienu jmisshom ghamlu dak li huwa possibli biex dan l-incident ma jsehhx billi jsewwu dak li kellu jisewwa.

Ghalhekk fil-fehma tat-Tribunal irresponsabilita tal-hlas ta-ispejjez li grat fuq il-vettura tal-attrici ghandhom jinqasmu billi l-konvenuta Liana Vella Zarb thallas terz (1/3) tal-ammont u cioe seba' mija u wiehed u disghin ewro (€791) li minnhom ghandhom jithallsu tmienja u hamsin ewro (€58) lil attrici Augusta Camilleri u l-kumplament lis-Socjeta' assikuratrici Middlesea Insurance Plc. Dan l-ammont ghandu jithallas bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

Filwaqt illi l-konvenuti Peter Jones u Susan Denise Craig huma responsabbli in solidum bejnithom biex ihallsu zewg terzi (2/3) tal-ammont mitlub u cioe' elf hames mija u tnejn u tmenin ewro (€ 1,582). Dan l-ammont ghandu jithallas bl-imghax legali mid-data tal-14 ta' Awissu, 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu terz (1/3) mill-konvenuta Vella Zarb filwaqt illi zewg terzi (2/3) jithallsu mill-konvenuti Peter Jones u Susan Denise Craig.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**